MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 611/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Joseph Muscat (Id. 476085M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, hames mija, tnejn u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,552.23) minghand il-konvenut, rapprezentanti in kwantu ghal €600.90 prezz ghal servizz ta’ internet rez mis-socjeta’ attrici lill-konvenut u in kwantu ghal €951.33 prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rez mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99536858. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluzi tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija, tnejn u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,552.23), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------